

31990D0031

L 16/37

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

20.1.1990

**ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI
tal-10 ta' Jannar 1990**

**li tagħti deroga lil Franza u tistabbilixxi l-kondizzjonijiet ekwivalenti tas-saħħa li għandhom ikunu
rispettati għat-tqattigħ tal-laħam frisk**

(90/31/KEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 64/433/KEE tas-26 ta' Ġunju 1964 dwar il-problemi tas-saħħa li jolqtu l-kummerċ tal-laħam frisk ġewwa l-Komunità ⁽¹⁾, kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 88/657/KEE ⁽²⁾, u b'mod partikolari Artikolu 13 tagħha,

Billi, skond Artikolu 13 tad-Direttiva 64/433/KEE konformi ma' Artikolu 16, id-derogi mill-paragrafu 45(ċ) ta' Anness I jistgħu jin-għataw, meta mitluba, lil kull Stat Membru li jipprovdni garanziji simili; billi dawn id-derogi għandhom jistabbilixxu l-kondizzjonijiet tas-saħħa li huma mill-anqas daqs dawk tal-imsemmi l-Anness;

Billi l-awtoritajiet ta' Franza, permezz ta' ittra tat-18 ta' Jannar 1989, ippreżentaw lill-Kummissjoni talba għal deroga mill-paragrafu 45(ċ) ta' Anness I tad-Direttiva 64/433/KEE għat-tqattigħ tal-laħam frisk taċ-ċanga, tan-ngħaġ u l-laħam tal-ħanżir; billi din it-talba tipproponi l-kondizzjonijiet tas-saħħa; billi huwa meħtieġ li l-kondizzjonijiet tas-saħħa stabbiliti bħala alternattiva fid-deroga mitluba għat-tqattigħ tal-laħam frisk ikunu mill-anqas daqs dawk tal-paragrafu 45(ċ) ta' Anness I tad-Direttiva 64/433/KEE;

Billi l-kondizzjonijiet tas-saħħa proposti minn Franza huma daqs dawk stabbiliti fil-paragrafu 45(ċ) ta' Anness I tad-Direttiva 64/433/KEE;

Billi l-miżuri li hemm ipprovduti f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Veterinarju Permanenti,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Minkejja l-paragrafu 45(ċ) ta' Anness I tad-Direttiva 64/433/KEE, Franza tista' tawtorizza t-tqattigħ tal-laħam frisk taċ-ċanga, tan-ngħaġ u tal-ħanżir taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fl-10 ta' Jannar 1990.

Għall-Kummissjoni

Ray MAC SHARRY

Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU C 121, tad-29.7.1964, p. 2012/64.

⁽²⁾ ĠU L 382, tal-31.12.1988, p. 3.

ANNEX

Kondizzjonijiet speċjali għat-tqattigħ tal-karkassi tal-baqar, tan-ngħaġ u tal-ħnieżer

1. Il-karkassi, li jiġu mill-kamra tal-qatla, wara li jitkessħu fi kmamar tar-refriġerazzjoni li joperaw b'temperatura ta' l-arja fil-ħruġ mill-evaporaturi tant li l-karkassi jistgħu jitkessħu għal temperatura interna ta' + 7 °C fi żmien 48 siegħa għall-karkassi tal-baqar u 20 siegħa għall-karkassi tan-ngħaġ u tal-ħnieżer, jinġarru għall-post tat-tqattigħ, li t-temperatura tiegħu ma taqbiżx + 12 °C, li jinsab fl-istess grupp ta' bini taç-*chillers*.
 2. Il-laħam huwa ttrasferit f'operazzjoni waħda.
 3. Il-karkassi jiddaħħlu fil-kamra tat-tqattigħ u magħmula għadam qabel tintlaħaq temperatura interna ta' + 7 °C jekk it-tqattigħ isir fi żmien 48 siegħa mit-tmiem ta' l-operazzjonijiet tal-qatla għall-karkassi tal-baqar u 20 siegħa għall-karkassi tan-ngħaġ u tal-ħnieżer.
 4. Il-ħin ta' bejn li l-laħam jiddaħħal fil-kamra tat-tqattigħ u li jkun suġġett għal aktar refriġerazzjoni ma jaqbiżx is-60 minuta.
 5. Malli dan jitqatta' u jkun ippakkjat, il-laħam jinġarr għall-kmamar xierqa ta' refriġerazzjoni.
-